**STQARRIJA PARLAMENTARI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA DWAR IL-LAQGĦA TAL-KUNSILL EWROPEW LI SARET BEJN IL-ĦAMIS, 25 U L-ĠIMGĦA, 26 TA' FRAR 2021**

Sur President

Nhar il-Ħamis, 25 u l-Ġimgħa, 26 ta' Frar reġa' ltaqa il-Kunsill Ewropew.

F'din il-laqgħa kien hemm erba' temi ewlenin fuq l-aġenda tal-Kunsill.

1. Il-pandemija Covid-19;
2. Is-settur tas-saħħa b'mod ġenerali;
3. Sigurtà u difiża;
4. Il-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea.

Nibda mill-ewwel żewġ punti - Il-pandemija Covid-19 u s-settur tas-saħħa b'mod ġenerali.

Il-mod kif l-Unjoni Ewropea qed taħdem f'dan il-qasam intlaqa' tajjeb mill-Kunsill. Bħala mexxejja tlabna biex il-proċess ta' tilqim, kif ukoll il-produzzjoni u l-konsenja tal-vaċċin, jiġu mgħaġġla kemm jista' jkun.

Iddiskutejna fost l-oħrajn il-vantaġġi u l-żvantaġġi tal-użu tal-għodod li għandna għad-dispożizzjoni tagħna biex naċċelleraw il-programm ta' vaċċinar.

Emfasizzajna kemm hu importanti li l-kumpaniji li qed jipprovdu l-vaċċin jonoraw il-kelma u l-obbligi kontrattwali tagħhom u jissupplixxu l-ammonti li ġew maqbula. Kellna wkoll diskussjoni dwar il-varjanti ġodda tal-virus, fosthom dwar il-ħtieġa ta' riċerka kontinwa u assessjar tad-data biex nassiguraw li l-vaċċin jibqa' effettiv u l-importanza li jkun hemm monitoraġġ tal-varjanti.

Qbilna li hemm bżonn li jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonn ta' restrizzjonijiet biex tiġi protetta s-saħħa taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u l-esiġenzi tas-suq komuni u l-ekonomija. Kien hemm ukoll qbil unanimu li għalissa vjaġġar li mhux essenzjali għandu jibqa' skoraġġit filwaqt li m'għandux ikun hemm ostakoli żejda għall-kummerċ. Għalhekk, ser inkunu qed naħdmu flimkien bħala Unjoni fuq approċċ komuni u koordinat dwar l-ivvjaġġar.

Iddiskutejna wkoll il-possibiltà ta' ċertifikat li juri li persuna ħadet il-vaċċin. Kien hemm diverġenza t'opinjoni dwar dan is-suġġett u qbilna li nkomplu d-diskussjoni dwar iċ-certifikat fil-laqgħa li jmiss, li se ssir dan ix-xahar.

Mill-aspett ta' solidarjetà internazzjonali, fil-Kunsill iddiskutejna l-importanza li l-Unjoni Ewropea tgħin pajjiżi terzi biex ikollhom aċċess għall-vaċċin. Ħafna mexxejja ammettew li mhux faċli li wieħed jiġġustifika donazzjonijiet ta' vaċċin lil pajjiżi terzi meta l-Unjoni Ewropeja qed issiba diffiċli biex tissupplixxi l-vaċċin liċ-ċittadini tagħha.

Finalment, fuq l-ewwel żewġ punti qbilna li nibqgħu naħdmu biex intejbu l-koordinazzjoni biex jiġu evitati kriżijiet ta' saħħa fil-futur u biex inkunu preparati għal dawn il-kriżijiet jekk u meta jseħħu. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Unjoni Ewropea tibqa' taħdem mal-imsieħba internazzjonali tagħha fil-qasam tas-saħħa, partikolarment l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

Fit-tieni jum tal-laqgħa, il-Kunsill Ewropew imbgħad iddiskuta is-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni Ewropea.

Qbilna li nkomplu naħdmu sabiex l-Unjoni Ewropea jkollha l-kapacità taġġixxi b'mod awtonomu fuq livell internazzjonali, speċjalment biex tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli taħdem man-NATO, mal-Ġnus Magħquda, l-imsieħba reġjonali kif ukoll mal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti fil-qasam ta' sigurtà u difiża. Dan dejjem fil-qafas tal-prinċipji elenkati fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill. Fi kliem sempliċi, b'mod li jirrispetta l-kostituzzjonijiet u l-qafas legali tal-istati membri kollha.

Il-Kunsill qabel li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'operazzjonijiet ċivili u militari, li jinkoraġġixxi l-Istati Membri biex jużaw aħjar l-opportunitajiet li ġew identifikati fil-Coordinated Annual Review on Defence (CARD) u l-patt militari PESCO, u li jsaħħaħ l-industrija u t-tekonoloġija fil-qasam ta' sigurtà u difiża.

Bħala mexxejja tlabna wkoll lill-Kummissjoni Ewropea biex sa Ottubru 2021 tfassal pjan ta' direzzjoni li jiffoka fuq teknologija fis-settur, partikolarment fuq il-ħtieġa ta' aktar riċerka u innovazzjoni, żvilupp teknoloġiku, u t-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq pajjiżi terzi fejn jidħlu teknoloġiji ta' importanza kritika u *value chains*. Il-Kunsill qabel ukoll fuq l-importanza ta' aċċess sigur għall-ispazju, l-ibħra internazzjonali u s-*cyberspace*, kif ukoll dwar mobiltà aħjar għal bżonnijiet militari fl-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, rigward il-viċinat tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill iddiskuta l-Komunikazzjoni Konġunta dwar is-suġġett, li ġiet varata mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentat Għoli tal-Politika Barranija u s-Sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq il-ħtieġa ta' sħubija msaħħa u mġedda bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi tan-naħa t'isfel tal-Unjoni Ewropea. Dan bl-intenzjoni li jiġu indirizzati sfidi komuni u jiġu sfruttati opportunitajiet permezz ta' kooperazzjoni msaħħa. Issemmiet ukoll il-politika tal-immigrazzjoni u dik li permezz tagħha jintbagħtu lura persuni li ma jingħatawx ażil gol-Unjoni Ewropea.

Dwar dawn il-materji, f'isem il-Gvern Malti ilqajt u appoġġjajt bis-sħiħ il-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill Ewropew dwar il-COVID, il-vaċċin u l-varjant.

Għamilt emfasi partikolari dwar il-bżonn ta' inizjattivi li jippromwovu suq uniku komplut fil-qasam tas-saħħa u l-prodotti mediċinali fil-pakkett dwar l-Unjoni għas-Saħħa li għadu kif ġie mniedi mill-Kummissjoni Ewropea. Dwar dan, aktar kmieni il-ġimgħa li għaddiet ktibt lill-President tal-Kunsill Ewropew Charles Michel u lill-President tal-Kunsill Ewropew Ursola von der Leyen fejn spjegajt il-bżonn li prodotti mediċinali li jitpoġġew fis-suq fi Stat Membru tal-Unjoni għandhom ikunu wkoll aċċessibbli fil-bqija tal-Unjoni Ewropea

Sur President, qed inpoġġi wkoll fuq il-mejda tal-Kamra kopja tal-i*statement* kif maqbul bejn il-Mexxejja fil-Kunsill.